*l-appell intavolat appellanta huwa irritu u null, u dan proprju għaliex ma jottemporax ruħu mad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2) u (3) tal-artikolu 8 tal-Kap. 380*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-25 ta' Ġunju, 2021

Appell Inferjuri Numru 162/2020/1 LM

**Elmo Insurance Limited (C 3500) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Kevin Grech**
*('is-soċjetà appellata')*

***vs.***

**Ray Aquilina Installations Company Limited (C 25775)**
*('is-soċjetà appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Ray Aquilina Installations Company Limited (C 25775)**, hawnhekk 'is-soċjetà appellanta', minn deċiżjoni tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar [minn issa 'l quddiem 'it-

Tribunal'], tal-20 ta' Jannar, 2021 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda billi filwaqt li ċaħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà intimata, laqa' t-talbiet tas-soċjetà **rikorrenti Elmo Insurance Limited (C 3500) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Kevin Grech**, hawnhekk 'l-appellata', u ordna lill-intimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' mitejn u erbgħa u disgħin Euro u ħmistax-il ċenteżmu (€294.15) bl-imgħax mid-data tal-preżentata tal-kawża sad-data tal-ħlas effettiv, filwaqt li kkundanna lill-intimata tħallas l-ispejjeż tal-kawża.

**<u>Fatti</u>**

2. Is-soċjetà rikorrenti talbet lit-Tribunal jikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas is-somma ta' mitejn u erbgħa u disgħin Euro u ħmistax-il ċenteżmu (€294.15), rappreżentanti danni sofferti mill-assikurat tagħha, li għamlet tajjeb għalihom is-soċjetà rikorrenti bħala indennizz favur l-assikurat tagħha. Kevin Grech, l-assikurat tas-soċjetà rikorrenti kien involut f'inċident li seħħ fit-28 ta' Marzu, 2017 ġewwa ż-Żejtun, meta kien ipparkjat fi triq partikolari, u l-vettura tiegħu ġarrbet ħsarat konsegwenza ta' xogħlijiet li kienu qegħdin isiru mis-soċjetà intimata, permezz tal-impjegati tagħha.

**<u>Mertu</u>**

3. Is-soċjetà rikorrenti spjegat li hija s-soċjetà intimata li għandha tinżamm responsabbli kemm għall-inċident kif ukoll għad-danni konsegwenzjali subiti minnha.

4. Is-soċjetà intimata wieġbet li hija m'għandha l-ebda għarfien dwar dan l-inċident, u li l-ebda awtorità jew individwu ma kellimha dwar dak li seħħ. L-intimata ċaħdet li kienet hija li kkawżat il-ħsara fil-vettura tal-assikurat tas-soċjetà rikorrenti u għaldaqstant irrifjutat kwalsiasi responsabbilità għal dak li seħħ.

5. Mill-atti jirriżulta li fit-28 ta' Ġunju, 2017 kien sar rapport l-Għassa tal-Pulizija taż-Żejtun fejn ġie allegat li kien hemm persuni li laqtu vettura partikolari waqt li kienu qegħdin jaħdmu. Il-kwerelant spjega li huwa kien ipparkjat ġewwa ż-Żona Industrijali ta' Bulebel, meta rċieva telefonata sabiex iressaq il-vettura tiegħu għaliex kien hemm xi persuni li riedu jaħdmu. Il-Pulizija setgħet tikkostata li l-vettura proprjetà tal-assikurat tas-soċjetà rikorrenti (EGM 911), kellha ħsarat viżibbli fil-parti ta' quddiem tal-*bonnet* tagħha.

6. Fl-*affidavit* tiegħu **Earvin John Grech Meli**, spjega li fit-28 ta' Ġunju, 2017 kellu l-vettura tal-għamla Seat Ibiza targata EGM 911 ipparkjata fiż-Żona Industrijali ta' Bulebel, fiż-Żejtun, peress li dak iż-żmien huwa kien impjegat f'fabbrika fl-istess żona. Spjega li l-vettura ta' missieru Kevin Grech, li kien qed juża x-xhud, kienet f'*parking slot* li tintuża prinċipalment mill-ħaddiema tal-kumpannija fejn huwa kien impjegat, u quddiemu kien hemm *container* magħluq. Qal li huwa mar ix-xogħol u għall-ħabta ta' nofsinhar huwa ntalab iressaq il-vettura tiegħu għaliex xi ħaddiema tal-kumpannija kellhom bżonn aċċess għall-*container*. Qal li bil-mod kif huwa kien ipparkjat, kemm min-naħa ta' quddiem kif ukoll min-naħa ta' wara tal-vettura, kien hemm spazju

adegwat biex wieħed jaċċedi għall-*container*. Ix-xhud spjega li sakemm mar biex iċaqlaq il-vettura, kollega tax-xogħol tiegħu qallu li xi ħaddiema tas-soċjetà intimata kienu laqtulu l-vettura. Żied jgħid li meta mar fuq il-post ra żewġ ħaddiema jgħabbu parti minn *scaffolding* fil-*container,* u dak il-ħin seta' jara li kellu daqqa fuq il-*bonnet.* Ix-xhud qal li dak il-ħin ġibed l-attenzjoni ta' dawn il-ħaddiema, li ċemplu lis-superjur tagħhom li kien fuq l-istess lant tax-xogħol. Kompla jgħid li ftit wara kellmu rappreżentant tal-kumpannija intimata fuq it-*telephone,* li qallu li l-kumpannija kienet ser tagħmel tajjeb għall-ħsarat li ġarrab. Żied jgħid li minkejja li ngħata l-assikurazzjoni li kien ser jitħallas, xorta waħda ħass il-ħtieġa li jmur jagħmel rapport l-Għassa, u wara fetaħ *claim* mal-kumpannija tal-assikurazzjoni tiegħu.

7. **WPC 38 Graziella Formosa** xehdet li l-assikurat tal-vettura kien għamel rapport fl-Għassa tal-Pulizija in segwitu għall-inċident, u l-Pulizija kienu raw il-ħsara li ġarrbet il-vettura. **PC 369 Jean Mark Mangion** xehed li kien xogħol fl-Għassa taż-Żejtun meta sar rapport li kien hemm xi ħaddiema fiż-Żona Industrijali ta' Bulebel li laqtu vettura.

8. **Earvin John Grech Meli** fix-xhieda tiegħu qal li huwa ma rax il-ħsara ssir fuq il-vettura tiegħu, iżda ra biss il-ħaddiema ħdejn il-vettura tiegħu, li kienu qegħdin idaħħlu l-*iscaffolding* fil-*container.* Qal li kien terz li qallu li l-vettura tiegħu kienet intlaqtet, u meta huwa mar għall-vettura tiegħu kien tkellem ma' persuni li ra fuq is-sit, kif ukoll tkellem mas-superjuri tagħhom fuq it-*telephone.* Qal ukoll li huwa seta' jara l-ħaddiema jaħdmu fuq l-*iscaffolding* viċin tal-vettura tiegħu.

9. **Kenneth Aquilina**, *general manager* mas-soċjetà intimata xehed li huwa ma jaf xejn dwar il-każ u għandu ma kienet waslet l-ebda korrispondenza dwar l-inċident. Qal imma li fl-2018 kien tkellem mal-*claims handler* tas-soċjetà rikorrenti, li kien qallu bil-każ. Għad-domandi li sarulu in kontroeżami, ix-xhud ikkonferma li f'Ġunju tal-2017, il-kumpannija rappreżentata minnu kienet qiegħda tagħmel xi xogħol fil-fabbrika De La Rue ġewwa Bulebel.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

10. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fl-20 ta' Jannar, 2021, it-Tribunal iddeċieda l-kawża billi ċaħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà intimata, laqa' t-talbiet tar-rikorrenti u ordna lill-intimata tħallas lir-rikorrenti l-ispejjeż sofferti, bl-imgħax mid-data tal-preżentata tal-kawża sad-data tal-ħlas effettiv, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Ikkunsidra:*
>
> *Illi l-fatti kif jirriżultaw mill-atti huma s-segwenti:*
>
> *Illi l-assikurat tas-soċjetà attriċi, Kevin Grech, għandu karozza reġistrata fuq ismu li dakinhar tat-28 ta' Ġunju, 2017 kienet qed tintuża minn ibnu Earvin John Grech Meli, li kien ipparkja l-istess vettura ġewwa ż-żona industrijali ta' Bulebel, iż-Żejtun, fi spazju magħmul għall-parkeġġ ta' karozza. Ħdejn il-karozza msemmija, kien hemm imqiegħed* container *magħluq, ukoll ġo spazju magħmul għall-ipparkeġġjar.*
>
> *Illi susegwentement, għall-ħabta ta' nofsinhar, xi ħaddiema marru jgħidu lis-Sur Grech Meli li kien jeħtieġ li jċaqlaq il-karozza għaliex kien qiegħed isir xi xogħol. Fil-frattemp, kollega tiegħu infurmah li kienu laqtulu l-karozza, u malli ħareġ jaraha, is-Sur Grech Meli seta' jikkonferma li fil-fatt il-karozza kellha daqqa fuq il-bonnet. Is-Sur Grech Meli xehed illi dak il-ħin ġie kellmu dak li kien inkarigat mill-ħaddiema tas-soċjetà konvenuta, li kienu qed jagħmlu xi xogħol f'dak il-lant, u dak li qalulu li kien il-prinċipal tagħhom ikkonfermalhom bit-telefon li kien ħa jħallsu tal-ispejjeż. Illi fil-*

*frattemp, Grech Meli baqa' ma tħallasx. Ir-rapport tal-Pulizija esebit fl-atti jikkonferma dak li qal ix-xhud Grech Meli fl-*affidavit *tiegħu.*

*Illi s-soċjetà konvenuta laqgħet għat-talbiet tas-soċjetà attriċi billi qalet li hija ma kellhiex tagħrif dwar l-inċident, u fit-tieni lok, ċaħdet li għamlet xi ħsara fil-vettura in kwistjoni.*

*Illi t-Tribunal jinnota illi fl-*affidavit *ma ftakar l-ebda isem ħlief dak tas-superjur tiegħu dak iż-żmien, persuna li iżda ma kellhiex x'taqsam fl-inċident, għajr għall-fatt li mar jara l-karozza dakinhar tal-inċident. Ma semmiex iżda min kienet il-persuna, mill-kumpannija konvenuta, li kellmitu; għalkemm fl-istqarrija li ta lill-Pulizija jindika li dan kien Kenneth Aquilina.*

*Illi t-Tribunal jifhem li dan mhux xi inċident ta' kolliżjoni fejn wieħed jista' faċilment jindika liema kienu l-vetturi involuti, biex jasal għar-responsabbilità. Hawnhekk hawn każ ta' vettura li ġiet milquta b'xi ħaġa iebsa u tgħattnilha l-*bonnet*. Jirriżulta lit-Tribunal li dakinhar tal-inċident ma kien hemm ebda ħaddiema oħra jagħmlu x-xogħlijiet għajr dawk tas-soċjetà konvenuta. Apparti dan, il-fatt li ma kienx hemm xhieda okulari tal-akkadut ma jfissirx illi s-soċjetà konvenuta m'għandhiex taħti għal din il-ħsara. Fi kliem Grech Meli, is-soċjetà konvenuta, jew rappreżentant tagħha, kien ammetta li kellu jħallas il-ħsara hu; din il-pożizzjoni iżda ġiet eventwalment mibdula min-naħa tas-soċjetà konvenuta, biex b'hekk is-soċjetà konvenuta bdiet fl-ewwel lok tgħid li m'għandhiex tagħrif u fit-tieni lok u fl-istess nifs tgħid li ma għandhiex taħti. Mill-mod kif is-soċjetà konvenuta baqgħet taġixxi b'attitudni evażiva fis-sens li baqgħet titlob l-informazzjoni dwar l-inċident, bħal li kieku ma taf b'xejn, jirriżulta lit-Tribunal li s-soċjetà konvenuta kienet qiegħda biss tipprova taħrab ir-responsabbilità. Ma setax ikun illi s-soċjetà konvenuta kellha ħaddiema tagħha stess u* supervisor *fuq il-post u ma kienet taf b'xejn. Dan jagħmel ix-xhieda ta' Earvin John Grech Meli ferm aktar verosimili u kredibbli, u eżami tax-xhieda tiegħu jipponta lejn ir-responsabbilità tas-soċjetà konvenuta. Għalhekk fuq bażi ta' probabbilità, u wara li ġiet mogħtija iktar kredibbilità lix-xhieda ta' Grech Meli, għar-raġunijiet fuq imsemmija, it-Tribunal jara li s-soċjetà konvenuta għandha tinstab responsabbli għall-ħsara in kwistjoni.*

*Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta, jilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi u jordna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mitejn u erbgħa u disgħin euro u ħmistax-il ċenteżmu (€294.15), bl-imgħax mid-data tal-preżentata tal-kawża sal-ħlas effettiv. L-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom jitħallsu mis-soċjetà konvenuta."*

**L-Appell**

11. Is-soċjetà appellanta ressqet l-appell tagħha mid-deċiżjoni appellata fid-9 ta' Frar, 2021, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex,

> *"... jogħġobha tirrevoka u tħassar is-sentenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar mogħtija fl-20 ta' Jannar, 2021 u konsegwentement tillibera lis-soċjetà konvenuta minn kull responsabbilità u ordni ta' ħlas, għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija.*
>
> *Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimati appellati."*

12. Is-soċjetà appellanta tgħid li hija ħasset ruħha aggravata bid-deċiżjoni appellata, 'il għaliex *onus incumbit ei qui dixit non ei qui negat,* u dan stante li l-prova li kellha ssir mir-rikorrent li istitwixxa dawn il-proċeduri, baqgħet ma saritx. L-appellanta qalet li Earvin John Grech Meli fix-xhieda tiegħu qal li huwa ma ra lil ħadd jagħmel il-ħsara fuq il-vettura tiegħu, imma xi ħadd kien qallu li kellu l-ħsara fil-vettura. Grech Meli xehed li huwa kien kellem lill-*foreman* u lis-superjur tal-ħaddiema li kien hemm fuq is-sit, imma qal li ma jafx il-persuni li kellem x'jisimhom, u minkejja li xehed li jaħseb li kellem lil Kenneth Aquilina, meta rah qal li ma jafux. L-appellanta qalet li Kenneth Aquilina xehed li wara li rċieva telefonata mill-*claims handler* tas-soċjetà appellata, huwa kien talab spjegazzjoni bil-miktub dwar l-inċident, liema spjegazzjoni baqgħet qatt ma ngħatat. Is-soċjetà appellanta qalet li għalhekk ma jistax jiġi stabbilit b'ċertezza li hemm konnessjoni bejn il-ħsara li nstabet fuq il-vettura assikurata mas-soċjetà appellata u l-ħtija tas-soċjetà appellanta, għaliex din hija bbażata biss fuq allegazzjonijiet ta' testimonjanzi inkompleti u fuq dak li allegatament għamlu ħaddiema li qatt

ma ġew identifikati b'isimhom. Żiedet tgħid li huwa prinċipju stabbilit li min jallega jrid jipprova, u f'dan il-każ ma nġabet l-ebda prova li dak li qiegħed jallega l-assikurat tas-soċjetà appellata huwa minnu. L-appellanta qalet li għalhekk kien jinkombi fuq is-soċjetà appellata li tresaq xhieda effettiva sabiex jiġu aċċertati l-fatti, li matul il-kawża ġew ipprovduti biss mill-assikurat, li ma rax l-inċident iseħħ, ma jafx min kellmu u lanqas ma jaf lil min kellem. Is-soċjetà appellanta qalet li l-fatt li dakinhar tal-inċident ma kien hemm l-ebda ħaddiema oħra fuq il-post jagħmlu x-xogħlijiet, ma kellux iwassal għall-konferma li kienu l-ħaddiema tagħha li għamlu l-ħsara, għaliex wara kollox jista' jkun li l-ħsara fuq il-vettura kienet diġà hemm, jew saret minn xi terz li mhux parti mill-kawża.

**<u>Ir-Risposta tal-appell</u>**

13. Fir-risposta tagħha s-soċjetà appellata qalet li d-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal hija ġusta u timmerita konferma, filwaqt li l-appell għandu jiġi miċħud għaliex huwa infondat fil-fatt u fid-dritt. Preliminarjament, is-soċjetà appellata eċċepiet li l-appell odjern huwa irritu u null, u dan għaliex l-artikolu 8(3) tal-Kap. 380 jipprovdi li hemm dritt ta' appell fil-każijiet kollha fejn l-ammont kalkolat skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3(2) jaqbeż l-elf u ħames mitt Euro (€1,500). Qalet li f'dan il-każ it-talba tal-appellati kienet limitata għal €294.15. Kompliet tgħid li *ai termini* tal-artikolu 8(2) tal-Kap. 380 hemm rimedju ta' appell indipendentement mill-ammont tat-talba, limitatament dwar kull ħaġa li jkollha x'taqsam mal-kompetenza tat-Tribunal, fuq kull

kwistjoni ta' preskrizzjoni, fuq kull nuqqas ta' tħaris tal-artikolu 7(2) tal-Kap. 380, u meta t-Tribunal ikun b'mod gravi mar kontra d-dettami tal-imparzjalità u tal-ekwità skont il-liġi, u dik l-azzjoni tkun ippreġudikat il-jeddijiet ta' min jappella. Qalet li m'hemm xejn fl-aggravju sollevat mis-soċjetà appellanti li jaqa' fil-parametri inkwadrati fil-liġi, u dan għaliex l-aggravju sollevat mis-soċjetà appellanta huwa limitat għal allegat apprezzament żbaljat tal-provi mit-Tribunal. Is-soċjetà appellata qalet li ladarba l-appell huwa msejjes fuq l-ammont ta' €294.15 u ma jissodisfa l-ebda wieħed mill-kriterji elenkati fl-artikolu 8(2) tal-Kap. 380, din il-Qorti tal-Appell għandha tieqaf milli tieħu konjizzjoni tiegħu.

14. L-appellata qalet li l-aggravju prinċipali tas-soċjetà appellanta huwa li t-Tribunal għamel apprezzament żbaljat tal-provi miġjuba, u li minħabba f'dan l-"apprezzament ħażin", kellu jirriżulta li l-ħsara fil-vettura tal-assikurat tas-soċjetà appellata ma kinitx magħmula mill-ħaddiema tas-soċjetà appellanta, iżda minn xi terz li mhuwiex parti fil-kawża. L-appellata qalet li l-appell odjern jikkonċerna unikament l-evalwazzjoni tal-fatti kif magħmula mit-Tribunal u dan għaliex il-konklużjoni tat-Tribunal ma kinitx dik li stennew l-appellanti. Qalet li dan iżda ma jammontax għal 'apprezzament ħażin' tal-provi.

15. L-appellata qalet ukoll li mhux minnu li ma ġiet stabbilita l-ebda konnessjoni bejn il-ħsara li nstabet fuq il-vettura tal-assikurat tas-soċjetà appellata u l-ħtija tas-soċjetà appellanta, u dan għaliex mill-provi miġjuba kellu jirriżulta li l-prinċipal tal-ħaddiema li kienu qegħdin jaħdmu viċin il-vettura tal-appellat, kien ikkonferma bit-telefon li kien ser iħallas għall-ispejjeż, kif ukoll fl-

istqarrija li l-assikurat ta lill-Pulizija, dan kien indika li kien tkellem ma' Kenneth Aquilina, rappreżentant tas-soċjetà appellanta. It-Tribunal ħa konjizzjoni wkoll tal-fatt li fil-ħin tal-inċident ma kien hemm l-ebda ħaddiema oħra qegħdin jagħmlu xi xogħol. It-Tribunal ikkonsidra wkoll li mill-imġiba ta' esponenti tas-soċjetà appellanta, kemm il-ħaddiema fuq il-lant, kif ukoll ir-rappreżentanti tagħha, riedu jaħarbu mir-responsabbilità u aġixxew b'mod evażiv. Is-soċjetà appellata qalet li t-Tribunal wara li ikkonsidra l-provi u qies li x-xhieda ta' Earvin John Grech Meli kienet aktar kredibbli u verosimili, dan iddeċieda li s-soċjetà appellanta għandha terfa' responsabbilità għall-inċident. Mill-provi jirriżulta wkoll li fir-rapport li sar lill-Pulizija, l-assikurat tas-soċjetà appellata indika lil Kenneth Aquilina bħala l-persuna li tkellem miegħu u li assigurah li kien ser isir ftehim bejn is-soċjetajiet assikuratriċi rispettivi. L-appellata qalet li fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, ma jistax jintqal li d-deċiżjoni tat-Tribunal kienet imsejsa fuq evalwazzjoni ħażina tal-provi, sempliċiment għaliex il-konklużjoni tat-Tribunal ma kinitx favorevoli għas-soċjetà appellanta.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

16. Qabel tgħaddi biex tindirizza l-aggravju sollevat mis-soċjetà appellanta, il-Qorti sejra tgħaddi biex tindirizza l-eċċezzjoni sollevata mis-soċjetà appellata, li l-appell odjern huwa null għaliex jittratta ammont li huwa ferm anqas mill-€1,500 stabbilit mill-artikolu 8(3) tal-Att dwar it-Tribunal għal Talbiet Żgħar (Kap. 380). Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għal dak li qalet

din il-Qorti diversament preseduta fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Champalin Company Limited *vs.* Clinton Zammit et**[1]:

> "Ibda biex din il-Qorti ma tistax ma tagħmilx bħala osservazzjoni proċedurali illi, trattasi illi l-ammont tat-talba hu inferjuri għal €1,164.69 (din is-somma ġiet sostitwita għal €1,500 bl-Att IV tal-2016 li daħal fis-seħħ fid-19 ta' Jannar, 2016) ... l-uniku rimedju li kellha s-soċjetà appellanti għall-ingress quddiem din il-Qorti kien dak li tikkwalifika l-appell tagħha taħt xi wieħed mill-ipotesijiet prefissi fis-subinċiż (2) tal-istess artikolu 8."

17. Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Mirage Holdings Ltd *vs* Cihan Kalkan**[2], intqal hekk:

> "A propożitu ta' dan id-dispost tal-liġi intqal fid-deċiżjoni fl-ismijiet '**Gasan Insurance Agency Limited noe *vs* The Cargo Handling Company Limited**' (Appell, 13 ta' Jannar, 1999), illi *"hu ċar li kull rikors ta' appell li ma jkunx jaqa' fil-parametri ta' xi waħda minn dawn is-subinċiżi jkun irritu u null u għandu jiġi skartat minn din il-Qorti. Inoltre għandu jkun ukoll ċar mill-istess rikors tal-appell illi l-appellant kellu jħossu aggravat bid-deċiżjoni tat-Tribunal in kwantu kienet tivvjola xi waħda mis-subinċiżi fuq elenkati kif dispost fl-artikolu 8 tal-istess Att Nru. V tal-1995."*

18. F'dan il-każ l-aggravju tas-soċjetà appellanta jikkonsisti fl-allegazzjoni li t-Tribunal għamel apprezzament żbaljat tal-provi li kellu quddiemu, u dan għaliex fil-fehma tal-appellanta ma rriżulta minn imkien li hemm xi konnessjoni bejn il-ħsara sofferta fil-vettura tal-assikurat tas-soċjetà appellata u l-aġir tal-ħaddiema tagħha li kienu qegħdin jaħdmu fil-viċinanzi ta' fejn kienet ipparkjata din il-vettura. L-appellanta ssostni li t-Tribunal kellu jasal għall-konklużjoni li l-appellata ma seħħilhiex tipprova l-każ tagħha, u li jista' jagħti l-każ li l-ħsara fuq il-vettura tal-assikurat tas-soċjetà appellata kienet hemm

[1] 23.04.2010.
[2] 24.06.2015.

minn qabel, jew li kienu terzi li ma kinux parti minn dawn il-proċeduri li kkawżaw din il-ħsara. Huwa ċar li dan l-aggravju ma jolqotx il-kompetenza tat-Tribunal, u lanqas ma jolqot il-preskrizzjoni. Lanqas ma jista' jingħad li dan l-aggravju huwa b'xi mod dwar nuqqas ta' ħarsien ta' dak li jipprovdi għalih l-artikolu 7(2) tal-Kap 380. Jifdal li jiġi mistħarreġ għalhekk jekk jistax jintqal li dan l-aggravju jinkwadra ruħu taħt ir-raba' parametru indikat fl-artikolu 8(2) tal-Kap. 380, li jipprovdi għal appell f'dawk il-każijiet fejn it-Tribunal ikun mar b'mod gravi kontra d-dettami tal-imparzjalità u tal-ekwità skont il-liġi, u b'hekk dik l-azzjoni tkun ippreġudikat il-jeddijiet ta' min jappella. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Grima Communications Company Limited *vs.* Victor Said**[3]:

> *"Id-dritt ta' appell fit-Tribunal għat-Talbiet Żgħar ma jestendix għal każijiet fejn hu allegat li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi mit-Tribunal ħlief fejn dan espliċitament provdut (ara **RAF Limited vs Vella Joseph** deċiża fid-9 ta' Mejju, 1997 – Imħ. J. Said Pullicino).* "Hu ċar li kull rikors ta' appell li ma jkunx fil-parametri ta' xi waħda minn dawn is-sub-inċiżi (8(2) (a) sa (d) jkun irritu u null u għandu jiġi skartat minn din il-Qorti ...". *Aggravji prinċipalment bażati fuq allegata interpretazzjoni u applikazzjoni ħażina tal-liġi li bl-ebda mod ma huma marbuta u addebitati lil xi nuqqas ta' imparzjalità tat-Tribunal jew ma' xi allegazzjoni li dan mar kontra d-dettami tal-ekwità kif trid il-liġi ma jaqgħux fil-parametri tal-artikolu 8(2) tal-Kapitolu 380."*

19. Il-Qorti tqis li n-nuqqas ta' qbil da parti tal-appellanta mal-apprezzament tal-provi li għamel it-Tribunal, ma jammontax għal ilment dwar in-nuqqas ta' ekwità u imparzjalità tat-Tribunal. Ċertament li bl-ebda mod ma jista' jintqal li t-Tribunal naqas milli jevalwa l-provi kollha mressqa quddiemu, jew li dan ma

[3] 15.05.2002.

kienx imparzjali fid-deċiżjoni tiegħu, u għalhekk din il-Qorti m'għandhiex tagħmel skrutinju mill-ġdid ta' fatti li diġà ddeċieda dwarhom it-Tribunal ladarba ma jirriżultawx l-estremi tan-nuqqas ta' ekwità u n-nuqqas ta' imparzjalità li jitlob il-leġiżlatur sabiex appell bħal dan ikun jista' jiġi kkonsidrat minn din il-Qorti. Jirriżulta li t-Tribunal ibbaża ruħu fuq il-konsiderazzjonijiet fattwali dedotti mill-provi, u għadda għal soluzzjoni fuq il-kontroversja li kellu quddiemu skont ir-riżultanzi, jiġifieri għamel valutazzjoni tal-provi, anki jekk il-konklużjoni li wasal għaliha t-Tribunal hija waħda li s-soċjetà appellanta ma taqbilx magħha.

20. Għal dawn il-motivi, il-Qorti tqis li l-appell huwa irritu u null inkwantu mhuwiex konformi ma' dak li jiddisponi għalih s-subartikolu 8(3) tal-Kap. 380 għaliex l-ammont li s-soċjetà appellanta ġiet ikkundannata tħallas permezz tad-deċiżjoni appellata huwa ta' €294.15, u għalhekk inqas mill-minimu li jitlob dan is-subartikolu tal-liġi. Meta mbagħad din il-Qorti kkunsidrat l-aggravju li s-soċjetà appellanta qiegħda tressaq quddiemha, huwa ċar li l-appell ma jolqot l-ebda wieħed mill-ipoteżijiet kontemplati mis-subartikolu 8(2) tal-Kap. 380.

21. Għaldaqstant din il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tal-appell odjern.

<u>**Decide**</u>

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-appell intavolat mis-soċjetà appellanta, filwaqt li tiddikjarah irritu u null.**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza għandhom jitħallsu kif deċiżi mit-Tribunal, u dawk tal-appell odjern għandhom ikunu a karigu tal-imsemmija soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**